SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 40-15**

Illum It-Tlieta, 7 ta' April 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa

**ASSENTI**

Hadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 39-15 li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Cable tad-Dawl fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 5.4 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx lest ix-xogħol fuq l-installazzjoni tal-*cable* fi Ġnien is-Serenita'.
Is-Sindku qal li x-xogħol għaddej kif ippjanat.

### 1.1.2 Ċentru għall-Anzjani

Is-Sindku rrefera għall-minuta 6.6 tal-laqgħa preċedenti u nforma li l-Kunsill qed jistenna d-data tal-ftuħ ta' dan iċ-ċentru ħalli jibda jingħata s-servizz. Huwa nforma li diġa nktibu madwar 30 anzjan li wrew ix-xewqa li jipparteċipaw f'dan iċ-Ċentru.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015 u it-Tlieta, 7 ta' April 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0272-15-O – Resident – Motoring Schools
- 0284-15-O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 5-2015: Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet Lifelong Learning 2015-2016

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0275-15-I – Trasport Malta – Reserved Parking Bay
- 0285-15-I – ECAD – Registration for 22nd Mayor's Conference
- 0293-15-I – Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2015
- 294-15-I – Valletta 2018 – Darba Waħda
- 0295-15-I – Resident – Ġieħ Santa Luċija 2015

- 0308-15-I – Resident - Bżonn ta' manutenzjoni fi Triq Fortizza
- 0315-15-I – Trasport Malta – Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC Memo 05-2015 - Inawgurazzjoni tad-*Day Care Centre* għall-Anzjani
- SLLC Memo 06-2015 **-** Manutenzjoni ta' *Inspection boxes* u parti mill-bankina fi Triq il-Gardenja

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0275-15-I is-Sindku nforma l-Kunsill li ġiet approvata talba minn resident għal *reserved parking* quddiem Blokk N fi Triq Żnuber. Huwa qal li jonqos biss li l-Kunsill iwaħħal tabella fuq il-post.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0285-15-I fir-rigward tar-reġistrazzjoni għal konferenza ta' l-ECAD li ser issir f'Malta, il-Kunsill qabel li jsir provisional booking peress li din il-konferenza ser issir f'Mejju 2015 u sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni mhux ser jilħqu ikunu marufa l-membri tal-Kunsill il-ġdid.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0293-15-I il-Kunsill innota li din il-kompetizzjoni tagħlaq fi żmien meta dan il-Kunsill ikun wasal biex jispiċċa u għaldaqstant mhux ser ikun qed jipparteċipa għal din is-sena.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0294-15-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-attivita' 'Darba Waħda', inizjattiva relatata ma' Valletta 2018. Huwa qal li din ser tibda nhar it-Tnejn, 13 ta' April 2015. Huwa qal li l-Kunsill qed jieħu ħsieb li jsib parteċipanti minn Santa Luċija biex jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 295-15-I il-Kunsill innota nomina li saret fir-rigward tal-premju Ġieħ Santa Luċija. Huwa qal li din ser tingħata l-attenzjoni meħtieġ meta jkun il-waqt.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0308-15-I il-Kunsill innota talba minn resident li kiteb dwar il-bżonn li ssir manutenzjoni ta' Triq Fortizza. Is-Sindku qal li hemm bżonn isir *major patching* ta' parti minn din it-triq li għoliet minħabba ħsarat li fiha. Huwa qal li kien ser ikellem lil kuntrattur li qed jaħdem fi Triq il-Ġnien dwar din il-problema.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0315-15-I is-Sindku ppreżena quddiem il-Kunsill ir-rottot tat-trasport pubbliku għall-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li dawn ir-rottot ser jibdew jidħlu fis-seħħ bejn Ġunju 2015 sa l-aħħar ta' din is-sena.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Quotation SLLC(57-15-03) – Supply of various furniture items for Health Clinic in Santa Luċija*

Is-Sindku informa lil Kunsill li għas-sejħa hawn fuq imsemmija kienu daħlu erba' kwotazzjonijiet kif gej:

| | TENDERER | ADDRESS | TENDER AMOUNT | REMARKS |
|---|---|---|---|---|
| 1 | John Mifsud | sales1@saw.com.mt | | Not Submitted |
| 2 | Raymond Cuschieri | ray.cusch@gmail.com | | Not Submitted |
| 3 | C.Fino + Sons Ltd | dhosken@fino.com.mt | € 2,052.66 | |
| 4 | SR 20 Years Group | info@srgroup.com.mt | | Not Submitted |
| 5 | DG Healthcare Ltd | acallus@daystar.com.mt | | Not Submitted |
| 6 | AES | info@aes.com.mt | | Not Submitted |
| 7 | Vivian Corporation | nicholasdesira@viviancorp.com | | Not Submitted |
| 8 | De Valier Co Ltd | md@devalier.com.mt | € 2,317.50 | |
| 9 | L&A Camilleri Ltd | Secretary@lacamilleri.com | € 2,692.66 | |
| 10 | DEX | ecefai@dex.com.mt | € 2,285.75 | |

Huwa qal li d-Dipartiment għall-Kura Primarja kien ta' l-approvazzjoni tiegħu biex il-Kunsill jagħżel l-orħos offerta skond il-*Procurement Regulations*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jixtri din l-għamara li ser tiġi ffinanzjata mid-Dipartiment għall-Kura Primarja.

### 4.2 *MEMO 5-2015* – Skema - Life Long Learninig 2015-2016

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien reġa' offra l-*premises* tiegħu biex fihom isiru lezzjonijiet bażiċi fi-Malti, Ingliż, Matematika u Xjenza. Huwa qal li dawn il-lezzjonijiet jiġu offruti mingħajr ħlas u se isiru fil-Librerija Pubblika.

### 4.3 *Bżonn ta' Għamara tat-Toroq*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkellmet dwar il-bżonn li ssir mera faċċata ta' Trejqet il-Ġjaċinti fejn hemm il-mużew tas-subien biex wieħed ikun jista jara minn ġej minn Triq Gardenja. Hija qalet ukoll li hemm bżonn li ssir tabella – cul-de-sac fi Triq il-Tulipan. Il-Kunsill qabel u s-Sindku qal li kien ser jara li din it-tabella u l-mera jsiru kif propost.

### 4.4 *Manutenzjoni ta ċint fi Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li hemm ċint fi Triq Tursin il-Bir li sikwiet jintlaqat mill-karozzi u li għandu bżonn jiġi rranġat. Is-Sindku qal li kien ser jara jistux isiru żewġ bollards biex min ikun qed isuq jinduna bih u ma jibqax dieħel.

### 4.5 *Manutenzjoni ta' ċint f'Dawret it-Torri*

Il-Viċi Sindku qal li quddiem il-każin tal-Partit Laburista kien hemm żewġ ċnagar imwaqqajn. Is-Sindku qal i hemm ħafna ċnut x'jiġu rranġati u qal li l-aħjar isir ezerċizzju u ssir il-manutezjoni meħtieġa.

### 4.6 *Żona għal Qari*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet tħejjiet żona għal qari fil-*Jogging Track Area* billi ġew installati diversi bankijiet f'żona waħda u ser jiġi nsallat ukoll servizz tal-Wifi f'din iż-żona. Huwa wera xi ritratti ta' dan il-proġett li sar fuq inizjattiva tac-Chairman tal-Kumitat Konsultativ Għan-Nofsinhar ta' Malta, L-Onor. Silvio Parnis. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li tajjeb li kif ikun hemm il-wifi ninfurmaw lir-residenti b'din l-inizjattiva.

### 4.7 *Inkonvenjent minn Motoring Schools*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien irċieva ilment minn resident dwar inkonvenjent mill-*motoring schools* li jgħallmu l-*parking* mal-karrozzi privati tan-nies. Is-Sindku qal li kien għadda dan l-ilment lill-Transport Malta. Is-Sindku qal ukoll li mill-*feedback* li rċieva minn Transport Malta jidher li ma hu qed tinkiser l-ebda liġi tal-pajjiż.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5531sa numru BOV 5575 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn id-9 ta' Marzu 2015 u t-2 ta' April 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 39-15(16-03-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Marzu 2015 Ammont *Gross* €4754.47

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Rite Mix Ltd. | RR(PPP) 57-11-02 | 8119 | 14,000.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 01/2015 | 625.35 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 12615 | 2061.50 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | 011 | 1879.08 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010780 | 1321.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12/02) | 02/2015 | 85.50 |
| Koptasin Tabelli u Sinjali | Signs/Mkgs | 20491 | 199.50 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv - Marzu 2015 | 1024,25 |

### *5.4 Approvazzjoni għall-ħlas*

#### *5.4.1 Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €55.89 u għal €99.36 għal servizz ta' emergenza li ngħata matul ix-xahar ta' Marzu 2015. Ġie nutat li dan is-servizz qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

#### *5.4.2 Manutenzjoni tal-bankijiet ta' l-injam*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir mill-MSD fuq bankijiet ta' l-injam li hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju. Huwa qal li ntbagħtet kwotazzjoni ta' materjal addizzjonali li ma kienx ġie nkluż fl-ewwel kwotazzjoni. L-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €526.50.

## 6. FINANCIAL STATEMENTS AS AT DECEMBER 2014 – PROPOSED AUDIT ADJUSTMENTS

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li sa issa kien jidher li m'hemm l-ebda *audit adjustments*. Hija qalet li minn *e-mail* li bagħtu l-awdituri tal-Kunsill jidher li dan għad irid jiġi kkonfermat, iżda il-probabilta' hija waħda minima. Is-Sindku f'isem il-Kunsill feraħ lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha kif ukoll lis-Sinjura Josianne Debono f'isem D Consulta' li ħejjiet dan ir-rapport hekk importanti. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm *adjustments* il-*Financial Statements* għas-sena 2014 neħduhom bħala approvati llum 7 ta' April 2015.

## 7. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Fi tmiem il-laqgħa, is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lis-Sur Victor Camilleri tas-servizz li ta' lil Kunsill u lil komunita' ta' Santa Luċija kemm ilu jagħmel parti minn dan il-Kunsill. Is-Sur Camilleri qal li hu wkoll xtaq jgħid grazzi speċjalment lis-Sindku kif ukoll lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April 2015 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ........................ ta' ........................ 2015**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**